6 ta' Diċembru, 1948.

Imħallef :

*L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.*

Emmanuele Baldacchino *versus* Stella Abela et.

**Inġurja — Kwerela tal-Kap tal-Familja.**

*Hu principju sanċit mill-ġurisprudenza illi, jekk persuna għal raġunijiet tagħha tkun ġustifikata taħseb raġjonevolment, u mhux bla motiv ġust, illi ħadd ieħor għamel reat għad-dannu tagħha, u timputalu dak ir-reat, b'daqshekk ma hix suġġetta għal proċeduri dwar inġurja, purkè l-imputazzjoni ssir bl-anqas publiċità possi-*

*bili. Jekk b'kumbinazzjoni, meta ssir l-imputazzjoni, ikun hemm xi hadd preżenti, b'daqshekk ma jintilefx dak il-privileġġ neċessarjament, basta jirriżulta li l-imputazzjoni ma ġietx kommunikata lil persuni oħra avviċinati bla bżonn.*

*Il-kap ta' familja għandu dritt jipproċedi bi kwerela anki meta l-inġurja tolqot lill-familja tiegħu.*

Fuq kwerela ta' l-imsemmi Baldacchino l-imsemmijin Abela ġew imressqin quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta biex jirrispondu għall-imputazzjoni li inġurjawh;

B'sentenza tagħha ta' l-ewwel ta' Settembru 1948, dik il-Qorti sabithom ħatjin u kkundannathom għall-ammenda ta' 5s. kull wieħed u l-ispejjeż tal-kawża;

Fuq l-appell ta' dawn Abela din il-Qorti kkunsidrat;

Mill-provi mismugħa, rettament valjati, jirriżulta illi l-kwerelati joqogħdu fid-dar adjaċenti għal dik tal-kwerelant, bitħa ma' bitħa. F'ċertu żmien itteħditilhom id-dielja li kellhom fil-bitħa tagħhom. Huma rrappurtaw il-fatt lill-Pulizija, u lill-Kuntistabbli Gerada qalulu li bilfors xi ħadd mill-familja tal-kwerelant qabeż ġewwa l-bitħa tagħhom. Sa hawn ma kienx ikun hemm l-inġurja, għaliex hu prinċipju sanċit mill-ġurisprudenza illi jekk persuna, għal raġunijiet tajba, ikun ġustifikata illi taħseb raġjonevolment, u mhux bla motiv ġust, illi ħadd iebor għamel reat għad-dannu tagħha, u timputalu dan ir-reat, allura b'daqshekk ma hix soġġetta għal proċeduri għall-inġurja. Iżda hi kondizzjoni, fost oħrajn, ta' l-applikabilità ta' dan il-prinċipju illi l-imputazzjoni għandha ssir bl-anqas publiċità possibili. Jekk, b'kumbinazzjoni, meta ssir l-imputazzjoni jkun hemm xi ħadd preżenti, b'daqshekk il-privileġġ ma jintilefx neċessarjament, basta li jirriżulta li l-imputazzjoni ma ġietx kommunikata lil persuni oħra "avviċinati bla bżonn";

Issa, f'dan il-każ, il-kwerelati keilmu lil Edward Rizzo, lil Mary Rizzo u lil Carmela Sciberras, u qalulhom li l-membri tal-familja tal-kwerelant qagħdu jistennewhom joħorġu u mbagħad niżlu fil-bitħa jieħdu d-dielja. Dina kienet "publiċità bla bżonn", u f'dan is-sens ikkonkretat ruħha l-inġurja, li qabel ma kienx ikun hemm (ara sent. ta' din il-Qorti

"Karmnu Farrugia vs. Pia Zammit", 30 ta' Ottubru 1937, u s-sentenzi l-oħra fiha ċitati);

Issa jista' jiġi obbjettat li l-kwerelati ma semmewx lill-kwerelant, imma ġenerikament lill-familja tiegħu kollha;

Din l-obbjezzjoni hi superata bil-konsiderazzjoni, akkolta mid-dottrina (ara Frola, Delle Ingiurie e Diffamazioni, pag. 285 et seq.), illi "per quella alta tutela che al padre di famiglia incombe sui membri di casa sua fu giudicato poter egli, vindice dell'onore di questa, portare querela per le ingiurie profferite a danno di un membro, anche maggiorenne, di questa". F'dan il-każ anki l-istess kwerelant kien inkluż fl-asserzjoni ġenerika tal-kwerelati ("niżlu fil-bitħa"), u kien sewwa li jaġixxi hu bħala kap tal-familja. Dan hu konsegwenza loġika tal-prinċipju tad-Dritt Ruman "injuria nobis non solum per nosmetipsos, sed per eos infertur qui aut potestate aut affectu nobis conjuncti sint; hinc pater familias suspiciatur per liberos et servos..............." Del resto, kien dejjem paċifiku li l-inġurja diretta ġenerikament, bla eċċezzjoni ta' xejn, kontra soċjetà — u l-familja hi soċjetà — tirriverbera ruħha fuq dawk kollha li jagħmlu parti minnha, u għalhekk kull wieħed għandu vesti ġuridika biex jaġixxi;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-kwerelati. Dritt tad-difensuri 12s. għas-seduta tal-15 ta' Novembru 1948, u 8s. kull waħda għas-seduti l-oħra.